FLORIANA
Borgo Vilhena

KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

3 ta' Awwissu 2010

## LAQGĦA TAL-KUNSILL

**Minuti tal-Hamsa u Erbghin (45) Laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana**

Is-Sindku sejjah il-hamsa u erbghin (45) laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana, li nzammet **nhar il-Hamis 1 ta' Lulju 2010 fis-2.00pm.**

Is-Sebgha u Tletin laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana inzammet b'din l-agenda :-

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
3. Mistoqsijiet lis-Sindku
4. Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti u Materji Finanzjarji
5. Proposta ta' Bye-Laws dwar Registrazzjoni ta' Bye-Laws
6. Proposta ta' Bye-Laws dwar Attivitajiet fuq il-fosos
7. Bnadar tal-għaqdiet fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali
8. Għeluq ta' Ġnien il-Mall
9. Lejliet l-Ewwel tas-Sena 2011
10. Festa ta' Sant'Anna fil-Floriana
11. Ġenna ta' Ġonna … u ħafna aktar !
12. Pubblikazzjoni tal-Kunsill *"Reminiscences of childhood in Floriana : Malta in peace and war, 1930-1950"*- Joe Bugeja
13. Inawgurazzjoni tal-Picc tal-futbol taċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V
14. Ħwejjeg Oħra
15. Aġġornament tal-laqgħa

Ghall-hamsa u erbghin (45) laqgha tal-Hames Kunsill kien hemm prezenti **is-Sindku Nigel Holland, il-Vici Sindku Franco Davies, il-Kunsillier Edward Torpiano, il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili u l-Kunsillier Vincent Borg flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kenneth Brincat assistit mill-iskrivana Emmanie Theuma.**

**Bidu tal-laqgha:**
Il-laqgha nfethet permezz ta' talba zghira mis-Sindku Nigel Holland.

## 1.0 Approvazzjoni tal-Minuti

1.1. Il-minuti tal-erbgha u erbghin (44) laqgha tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.2 Il-Kunsillier Vincent Borg ressaq korrezjoni tal-materja nru 18.6 li tghid hekk: "Il-Kunsillier Vincent Borg ressaq mozzjoni biex il-parking bay tal-mutur tigi fit-tarf, kantuniera ma' Triq San Tumas. Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili ssekondat il-mozzjoni. Ittiehed vot bir-rizultat kien:

Favur: 3 (VB, SSH, FD)
Kontra: 2 (NH, ET)"

Il-Kunsill approva din il-korrezzjoni.

1.3 Il-minuti msemmija f'1.1 gew approvati unanimament, wara li tressqet mozzjoni mill-Vici Sindku Franco Davies u ssekondata mill-Kunsillier Vincent Borg. Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mis-Sindku u mill-Vici-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

## 2.0 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

2.1 Is-Sindku Nigel Holland ressaq talba minghand individwu li xtaq li titranga l-lapida li hemm magenb il-Knisja minhabba li xi ittri mill-ismijiet tal-persuni mfakkra huma neqsin. Il-Kunsill approva li jiehu hsieb jirranga din il-lapida.

2.2 Is-Sindku Nigel Holland ssuggerixxa li ssir talba biex is-sigar li hemm quddiem is-sala Robert Samut jigu ripjantati f'post iehor biex tinkixef il-faccata. Il-Kunsillier Vincent Borg issuggerixxa li jekk it-talba ma tigix milqugha il-Kunsill jiehu hsieb jizborhom u jhallihom fuq iz-zokk. Il-Kunsill approva li jressaq it-talba lill-awtoritajiet.

2.3 Is-Sindku Nigel Holland ressaq talba minghand GK Events li offrew li jorganizzaw attivita' b'kollaborazzjoni mal-Kunsill. Il-Kunsill ma qabilx li ghandu jilqa' din it-talba minhabba li jhoss li ma jistax izid iktar attivitajiet man-numru t'attivitajiet nazzjonali li diga ghandu.

2.4 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-kuratur tal-istatwa tas-Salvatur li tinsab bejn Triq San Frangisk u Triq is-Suq fejn talab biex il-Kunsill jiehu hsieb ibiddel il-lampi ta' din l-istatwa. Il-Kunsill approva. Il-Kuratur offra wkoll lill-Kunsill biex jiehu l-kustodja ta' din l-istatwa. Il-Kunsill huwa interessat ikun jaf min hu l-proprjetarju.

2.5 Is-Sindku Nigel Holland ressaq kwotazzjoni minghand is-Sur Karl De Flavia ghall-hasil tal-faccata tal-iskola li tammonta ghal €699. Il-Kunsill approva.

2.6 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li kien gie avvicinat minn resident li applika ghall-permess tal-Kunsill u kiseb it-tabelli tan-*No Parking* relatati mal-permess izda fuq il-post sab xi vetturi u meta talab l-ghajnuna tal-Pulizija, dawn informawh li ma kellhomx sahha legali jnehhu dawn il-vetturi minhabba li ma kienx deher avviz fuq il-gazzetta tal-Gvern. Il-Kunsill ghalhekk qabel li ghandu jibda' jinforma lill-applikanti b'dan u li min ikun interessat, irid japplika minn tal-inqas ghaxart' ijiem qabel. Il-Kunsill qabel ukoll li f'kaz ta' permessi mahruga ghall-attivitajiet, il-Kunsill johrog permess ghall-massimu ta' 4 *parking spaces* bil-prezz ta' €7.

**Nota: 15:05 Is-Sindku Nigel Holland talab li jkun skuza u biex il-Vici-Sindku Franco Davies jippresedi l-laqgha fl-assenza tieghu.**

**Il-Kunsillier Edward Torpiano talab li jkun skuzat.**

**Il-Vici Sindku Franco Davies talab li l-laqgha tkun sospiza u stieden lill-Kuntratturi u lill-Periti biex jitkellmu fuq il-problema li nqalghet rigward il-picc sintetiku.**

Il-Kuntratturi talbu estensjoni ta' gimgha fuq il-perjodu tat-tlestija tal-picc sintetiku dan minhabba li kien hemm dewmien fis-shipping tax-xibka ordnata u minhabba dan, certu xoghol ma setax jitkompla.

**Nota: 15:05 Is-Sindku Nigel Holland irritorna ghal-laqgha.**
**15:15 Il-Kunsillier Edward Torpiano rritorna ghal-laqgha.**

2.7 Il-Kunsill qabel li tinghata estensjoni sal-5 t'Awwissu ghat-tlestija tal-picc.

**Il-Kunsill rega' rrisolva ruhu biex titkompla l-hamsa u erbghin (45) laqgha tal-Hames Kunsill Lokali.**

2.8 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand l-Ufficcju Parrokkjali fejn talbu lill-Kunsill jaccerta li ma jkun hemm xejn kemm quddiem il-Knisja kif ukoll hdejn iz-zuntier fl-attivitajiet li ser jigu mtellghin fis-Sajf. Il-Kunsill qabel li ghandu jirrispondi bil-miktub u filwaqt li jirringrazzja lill-Ufficcju Parrokkjali, jinformah ukoll li bis-sahha tal-Kunsill, ma kien hemm xejn fiz-zoni msemmija fl-attivita' li saret fil-jum ta' qabel.

2.9 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghall-petizzjoni li saret minn xi residenti rigward l-attivita' tal-Isle of MTV u ghall-akkuzi foloz li dakinhar tal-attivita', Triq is-Suq inghalqet bil-permess tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li ghandu jaghmel stqarrija pubblika li ma kienx hu li ghalaq din it-triq u li l-Kunsill kien ghadda din il-petizzjoni lill-Pulizija u kienu huma li ghalqu t-triq.

2.10 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li matul l-attivita' tal-Isle of MTV il-Pulizija riedu jzarmaw il-bars li kien hemm fi Triq Sant'Anna minhabba li ma kienux konformi mal-ligi. Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob laqgha mal-Pulizija rigward dan biex ikun jista' jigi deciz darba ghal dejjem x'inhu u x'mhux konformi mal-ligi halli dawn il-problemi ma jergghux jinholqu.

2.11 Il-Kunsillier Edward Torpiano talab li jitnizzel fil-minuti li huwa kien qed jitlob il-permess tal-Kunsill biex jikteb ittra bl-avukat tal-Kunsill minhabba li hass li gie mmalfamat meta gie akkuzat li ghamel xi preferenzi. Il-Kunsill ma qabilx li ghandu jiehu azzjoni legali ghalissa izda qabel li ghandu jikteb lill-individwu nvolut li l-Kunsill jiddeplora l-attegjament tieghu mal-Kunsillier Edward Torpiano u li ma jaccettax li membri tal-Kunsill jigu ttrattati b'dan il-mod.

2.12 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand l-avukat Joseph Schembri f'isem is-Sur Brian Zammit li jhoss li qed jigi diskriminat minn gwardjan lokali. Il-Kunsill ha nota tal-ittra legali.

2.13 Is-Sindku Nigel Holland ressaq kwotazzjoni minghand is-Sur Dione Galea ghal garr ta' kurduna tal-lava bil-gaffa li tammonta ghal €600. Il-Kunsill approva li jmexxi b'din il-kwotazzjoni.

2.14 Is-Sindku Nigel Holland ressaq kwotazzjoni lill-Kunsill ghal CD Editing tal-Oratorio li tammonta ghal €59. Il-Kunsill approva l-kwotazzjoni.

## 3.0 Mistoqsijiet lis-Sindku

3.1 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili saqsiet jekk fil-laqgha li kellu l-Kunsillier Edward Torpiano mal-VFRP kienx gie deciz li jsiru l-bollards mitluba ladarba hemm talba kbira mir residenti. Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob laqgha formali mas-Sur Claude Borg u mas-Sinjura Mary Louise Musumeci biex tigi diskussa din it-talba.

3.2 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili saqsiet jekk kienx hemm xi progress fuq il-bieb tal-

Polverista. Is-Sindku wiegeb li l-Kunsill kellu jikteb lid-Dipartiment tal-Artijiet dwar dan.

3.3 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili saqsiet jekk il-Kunsill kienx ha risposta dwar l-ufficcju tal-United Nations li hemm fi Triq is-Suq. Is-Sindku wiegeb li l-Kunsill kien ghadu ma nghata l-ebda risposta.

**Nota: 15:55 Is-Sindku Nigel Holland talab li jkun skuzat. U talab lill-Vici-Sindku Franco Davies jippresedi l-laqgha fl-assenza tieghu.**

## 4.0 Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti u Materji Finanzjarji

4.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta l-iskedi ta' pagamenti bir-referenza **40-05 A, B, C** , li gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha.

4.2 Skond l-artikolu 32 tal-Ordni Permanenti, is-Segretarju Ezekuttiv ressaq ghall-approvazzjoni pagamenti li waslu wara li giet iccirkolata l-iskeda, indikati bhala cekk nru 8728 sa 8740.

4.3 Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq ghall-approvazzjoni tal-Kunsill il-pagament ta' Leli & Son li rcieva tard, cekk nru. 8740 ammont ta' €477.70.

4.4 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Edward Torpiano u ssekondata mill-Kunsilliera Sandra Sammut Hili, ittiehed vot favur l-approvazzjoni tal-hlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati bhala cekk nru 8680 sa 8740 kif ukoll cekk numru 8740, bir-rizultat:

Favur: 4 (SSH, FD, ET, VB)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0

**Nota: 16:00 Is-Sindku Nigel Holland rega' attenda ghal-laqgha.**

4.5 Ghaldaqstant, l-iskeda ta' pagamenti sabiex jigu approvati l-hlasijiet għaddiet u giet iffirmata mill-Sindku Nigel Holland u mill-Vici Sindku Franco Davies u mis-Segretarju Ezekuttiv.

## 5.0 Proposta ta' Bye-Laws dwar Registrazzjoni ta' Garaxxijiet

5.1 Is-Sindku Nigel Holland ipprezenta l-proposta ta' bye-laws dwar registrazzjoni ta' garaxxijiet u saqsa lill-membri tal-Kunsill ghall-kummenti taghhom.

5.2 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili saqsiet jekk garaxxijiet li diga' ghandhom il-linji sofor humiex awtomatikament registrati. Is-Sindku wiegeb li dan mhux dejjem huwa l-kaz minhabba li hemm resident partikolari li ghandu l-linji sofor quddiem il-garaxx izda qatt ma kien applika mal-Kunsill Lokali. Rigward dan ir-resident, il-Kunsill qabel li ghandu jigi avvicinat u mitlub japplika u f'kaz li jonqos milli jaghmel dan, il-linji sofor ser jitnehhewlu.

5.3 Wara mozzjoni mressqa mill-Vici Sindku Franco Davies u ssekondat mill-Kunsillier Edward Torpiano, ittiehed vot favur l-approvazzjoni tal-abbozz din il-bye-law dwar registrazzjoni ta' garaxxijiet, bir-rizultat:

Favur: 5 (NH, FD, VB, ET, SSH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

5.4 Ghaldaqstant, is-Segretarju Ezekuttiv ghandu jipprocedi billi jibghat dawn il-bye-laws lill-awtoritajiet ghall-approvazzjoni skond il-ligi.

## 6.0 Proposta ta' Bye-Laws dwar Attivitajiet fuq il-Fosos

6.1 Is-Sindku Nigel Holland ipprezenta l-proposta ta' bye-laws dwar Attivitajiet fuq il-Fosos u saqsa lill-membri tal-Kunsill jekk ghandhomx xi mistoqsijiet.

6.2 Il-Kunsill qabel li t-titlu ta' din il-bye-law jinbidel ghal "Bye Laws dwar Attivitajiet fil-berah".

6.3 Il-Kunsill qabel ukoll li fil-bidu ghandu jkun hemm deskrizzjoni iktar dettaljata ta' xi jrid jinghad bi "Pjazza San Publju" u li r-referenzi kollha ghal "Fosos", b'tali mod li jinkludu l-Pjazza San Publju u l-madwar.

6.4 Il-Kunsill qabel ukoll li f'kaz t'attivita' li ser tittella' bi hlas ghall-pubbliku, ghandu jkun hemm hlas addizzjonali ta' €0.20 ghal kull metru kwadru b'differenza u mhux hlas ta' €0.10 kif ippropost fl-abbozz.

**Nota: 16:15 Il-Vici-Sindku Franco Davies talab li jkun skuzat.**

6.5 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Vincent Borg u ssekondat mill-Kunsilliera Sandra Sammut Hili, ittiehed vot favor l-approvazzjoni ta' din il-bye-law bl-emendi msemmija hawn fuq, bir-rizultat:

Favur: 4 (NH, VB, ET, SSH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

6.6 Ghaldaqstant, is-Segretarju Ezekuttiv ghandu jipprocedi billi jibghat dawn il-bye-laws lill-awtoritajiet ghall-approvazzjoni skond il-ligi.

## 7.0 Bnadar tal-ghaqdiet fl-ufficcju tal-Kunsill Lokali

**Nota: 16:20 Il-Vici-Sindku Franco Davies rega' attenda ghal-laqgha.**

7.1 Is-Sindku Nigel Holland issuggerixxa biex fl-intrata tal-Kunsill ikun hemm il-bnadar tal-ghaqdiet Furjanizi.

7.2 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili saqsiet jekk hux ser ikun hemm bnadar ta' partiti politici izda s-Sindku wiegeb li ma jaqbilx ma' dan ladarba l-bnadar tal-kumitati lokali tal-partiti politici ma jirraprezentawx biss lill-lokal izda fuq livell nazzjonali.

7.3 Il-Kunsill approva din il-proposta u qabel li ghandu jibghat cirkolari lill-ghaqdiet Furjanizi biex jistedinhom jghaddu skizz tal-bandiera taghhom halli l-Kunsill jwahhalha fl-intrata tad-Dar tal-Kunsill.

**Nota: 16:25 Il-Kunsillier Edward Torpiano talab li jkun skuzat.**

## 8.0 Gheluq ta' Gnien il-Mall

8.1 Is-Sindku Nigel Holland ghamel referenza ghall-proposta li ssir laqgha pubblika dwar l-gheluq ta' Gnien il-Mall.

8.2 Il-Kunsill qabel li din il-laqgha ghandha ssir nhar id-9 ta' Lulju 2010 fis-7.00pm proprju fi Gnien il-Mall.

**Nota: 16:30 Il-Kunsillier Edward rega' attenda ghal-laqgha.**

## 9.0 Lejliet l-Ewwel tas-Sena 2011

9.1 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsilliera li kienet harget l-offerta ghas-servizzi ta' organizzatur/kordinatur tal-attivita' u li kellha tissejjah laqgha tas-sotto-kumitat malli din l-offerta taghlaq halli jsiru l-ewwel konsiderazzjonijiet tal-offerti mitfugha.

9.2 Il-Kunsill qabel li ghandha ssir laqgha mal-Assistant Kummissarju rigward din l-attivita' biex jigu diskussi l-punti importanti u r-relazzjonijiet mal-Pulizija halli jigu evitati d-diffikultajiet iktar 'il quddiem.

9.3 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li l-websajt ufficcjali ghal din l-attivita' issa tinsab *online* u li l-indirizz taghha huwa www.maltanewyearseve.com.

## 10.0 Festa ta' Sant'Anna fil-Floriana

10.1 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li gie avvicinat biex isir pellegrinagg mill-Knisja tal-Kapuccini lejn in-nicca ta' Sant'Anna, proprjament fil-festa ta' Sant'Anna.

10.2 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li l-organizzaturi ta' dan il-pellegrinagg kienu talbu lill-Kunsill biex isiru xi toqob halli jkunu jistghu jitpoggew xi arbli bil-bnadar. Il-Kunsill approva dejjem jekk hemm post fejn jitqeghdu dawn l-arbli.

## 11.0 Genna ta' Gonna... u hafna aktar!

11.1 Is-Sindku Nigel Holland fakkar lill-Kunsill li din l-attivita' ser tittella' nhar l-10 t'Ottubru 2010.

11.2 Il-Kunsill qabel li s-Sindku ghandu jiehu hsieb ifassal programm ghal din l-attivita' minhabba li sa dakinhar hadd ma kien ghadu wera' nteress jifforma parti mis-sotto-kumitat ghal din l-attivita'.

## 12.0 Pubblikazzjoni tal-Kunsill *"Reminiscences of childhood in Floriana : Malta in peace and war, 1930 – 1950"* – Joe Bugeja

12.1 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li din il-pubblikazzjoni tal-Kunsill hija lesta u l-awtur qed jipretendi xi tip ta' kummissjoni fuq il-bejgh ta' dawn il-kotba.

12.2 Is-Sindku kompla li l-proposta tal-awtur hija li jinghata tnax-il ktieb minn din il-pubblikazzjoni u jiehu 12% tal-bejgh minn din il-pubblikazzjoni. Il-Kunsill approva.

## 13.0 Inawgurazzjoni tal picc tal-futbol tac-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V

13.1 Is-Sindku Nigel Holland irrefera ghad-decizjoni li l-Kunsill ha biex jaghti sal-5 t'Awwissu cans lill-kuntrattur biex ilesti x-xoghol relatat mal-picc tal-futbol.

13.2 Il-Kunsill qabel ukoll li c-cerimonja tal-inawgurazzjoni ghandha ssir nhar is-6 t'Awwissu 2010 fit-8pm.

## 14.0 Ħwejjeg Oħra

14.1 Il-Kunsillier Vincent Borg informa lill-Kunsill bl-iStop Sign li hemm fi Triq il-Kapuccini li biz-zmien kienet iccarat. Huwa ssuggerixxa li jekk hu possibli, il-Kunsill juza stickers minflok zebgha ghall-kliem ta' din it-tabella peress li z-zebgha kienet qed ticcara. Il-Kunsill m'approvax izda qabel li ghandu jitlob lill-Koperattiva tabelli u sinjali taghmel din l-iStop Sign possibilment fil-hinijiet ta' bil-lejl meta t-triq ma tkunx traffikuza.

14.2 Il-Kunsillier Vincent Borg informa lill-Kunsill bin-no parking signs li hemm fin-nizla fejn hemm is-CID u li l-Pulizija mhumiex jippermettu li l-gwardjan iharrek f'din iz-zona. Ghalhekk il-Kunsill qabel li dawn in-no parking signs ghandhom jitnehhew ladarba ma jistghux jigu rinfurzati.

14.3 Il-Kunsillier Vincent Borg informa lill-Kunsill li fi Triq V.Dimech c/w Triq l-Iljun, hemm parking bay fil-kantuniera li qed tostakola l-visibbilta' tat-triq u tohloq sitwazzjoni perikoluza. Huwa ssuggerixxa li din il-parking bay titnehha, il-linji sofor jigu estizi ghal 5 metri kif inhu konformi mal-ligi, u li fl-ispazju li jifdal issir motorcycle bay. Il-Kunsill ma qabilx li din il-parking bay ghandha titnehha.

14.4 Is-Sindku Nigel Holland saqsa jekk il-Kunsill kienx ivverifika jekk il-mutur ipparkjat fi Triq San Publju huwiex misruq. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li l-Pulizija kienu kkonfermaw li dan il-mutur ma kienx misruq. Il-Kunsill qabel li ghandu jibghat lill-gwardjani lokali jivverifikaw jekk il-licenzja ta' dan il-mutur ghadhiex valida.

14.5 Il-Kunsillier Vincent Borg informa lill-Kunsill bis-sitwazzjoni ta' periklu li kienet qed tinholoq fi Triq San Publju c/w Pjazza E.S. Tonna minhabba li din it-triq dejqa kienet accessibbli ghal vetturi gejjin miz-zewg nahat. Huwa ssuggerixxa li jinghalaq l-access ghal din it-triq min-naha ta' Pjazza ES Tonna izda l-Kunsill ma qabilx minhabba li jekk l-access ghal din it-triq jinghalaq min-naha minnhom, ser tinholoq problema meta jinghalqu xi toroq ohrajn specjalment fl-attivitajiet.

14.6 Il-Kunsillier Edward Torpiano informa lill-Kunsill bil-bzonn li jinbidlu d-dati tal-attivita' tal-Florianafest u ssuggerixxa li din tittella' bejn il-25 u s-27 t'Awwissu 2010. Il-Kunsill approva.

14.7 Il-Vici-Sindku Franco Davies talab li l-materja tal-Florianafest 2010 titpogga fuq l-agenda tal-laqgha t'Awwissu biex jigu diskussi l-ahhar dettalji.

14.8 Il-Vici-Sindku Franco Davies issuggerixxa li jsiru mirja fi Triq is-Suq c/w Triq il-Kapuccini ghall-facilita' u s-sigurta' tas-sewwieqa. Il-Kunsill approva.

14.9 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili saqsiet jekk tistax tinghata mappa bl-ismijiet tat-toroq tal-Floriana lill-Ghassa tal-lokal. Il-Kunsill approva.

14.10 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili informat lill-Kunsill li kienet talbet kwotazzjoni ghat-tindif tas-central hangings tal-lokal li tammonta ghal €19.80 ghal kull central hanging. Il-Kunsill qabel li ghandu jnaddaf sa 20 central hanging.

14.11 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili saqsiet dwar x'kien gara rigward dawk ir-residenti li kienu qed iwahhlu karta mal-windscreen tal-vettura taghhom. Is-Sindku wiegeb li l-gwardjani kienu qed jiehdu hsieb iharrku lil min kien qed jabbuza.

14.12 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili ressqet talba minn impjegat biex isir planter quddiem il-Qasam tad-Djar fi Triq il-Fosos. Il-Kunsill qabel.

14.13 Il-Vici-Sindku Franco Davies ghamel riferenza ghad-decizjoni tal-Kunsill li jistieden lis-Sindku ta' Macerata ghall-okkazjoni tal-*launch* tal-Floriana Heritage Trail. Huwa saqsa jekk dan il-launch kienx ser isir fl-istess jum tal-atttivita' Genna ta' gonna…u hafna aktar! Il-Kunsill ma qabilx peress li l-attivita' Genna ta' Gonna .. u hafna aktar !! hija wahda separata.

14.14 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili ssuggeriet li l-Kunsill jitlob lill-Gvern Centrali jinstalla CCTV Cameras fis-subways. Is-Sindku wiegeb li s-subways suppost huma mghammrin bil-cameras ghaliex hemm il-pajpijiet ghaddejjin ghal dan il-ghan. Il-Kunsill qabel li ghandu jikteb lit-Transport Malta biex jivverifika jekk dawn il-cameras twahhlux.

14.15 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghall-incident li kien hemm waqt l-attivita' Isle of MTV u ssuggerixxa li l-Kunsill johrog stqarrija biex jinforma lill-pubbliku li l-Kunsill ma kien responsabbli ghall-ebda gheluq ta' toroq. Il-Kunsill approva.

## <u>15.0 Aġġornament tal-laqgħa</u>

15.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgha li jmiss ghandha ssir nhar l-4 t'Awwissu 2010 fis-2.00pm.

Il-laqgha ntemmet fil-17.35.

| | |
|---|---|
| Nigel Holland<br>Sindku | Kenneth Brincat<br>Segretarju Ezekuttiv |